



Brussell, 12 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10487/23

COLAC 59	ENV 674
CFSP/PESC 833	ENER 351
RELEX 709	DIGIT 115
WTO 77	EU-GNSS 17
DEVGEN 110	RECH 281
SUSTDEV 88	TRANS 245
COHOM 128	CULT 74
COHAFA 66	EDUC 249
AGRI 316	CYBER 158
ACP 46	POLCOM 114
CLIMA 294	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2023) 17 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument JOIN(2023) 17 final.

Mehmuż: JOIN(2023) 17 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 7.6.2023
JOIN(2023) 17 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew

Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew

Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Amerika Latina u l-Karibew (ALK) huma **sħab naturali**. Magħqudin permezz ta' rabtiet storiċi u kulturali uniċi, rabtiet ekonomiċi u soċjali profondi u impenn konġunt għall-paċi u l-multilateraliżmu, l-UE u l-ALK ħolqu relazzjoni b'saħħitha mirfuda minn network kbir ta' ftehimiet. Ikkaratterizzata minn kooperazzjoni u djalogu, din is-sħubija li ilha għaddejja hija mibnija fuq valuri kondiviżi u interessi reċiproċi.

F'**kuntest globali li qed jinbidel malajr**, ir-relazzjoni bejn l-UE u l-ALK teħtieġ tiġdid. L-isfidi ġeopolitiċi li qed jiżiedu, pandemija devastanti, il-kriżijiet klimatiċi u ambjentali globali, il-bidliet teknoloġiċi u ż-żieda fl-inugwaljanzi kollha jawguraw l-intensifikazzjoni tad-djalogu u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost sħab mill-qrib u fdati.

Bħala sħab tal-għażla, l-UE u l-ALK għandhom **jaħdmu flimkien biex jisfruttaw is-saħħa kollettiva tagħhom, jiddefendu l-interessi komuni u jindirizzaw b'mod konġunt l-isfidi globali**. Din il-Komunikazzjoni Konġunta tistabbilixxi l-proposta tal-UE biex flimkien tiġi żviluppata **aġenda ambizzjuża u li tħares 'il quddiem għal era ġdida ta' kooperazzjoni** bejn sħab ugwali u tal-istess fehma.

Din il-Komunikazzjoni Konġunta tappella għal **sħubija strateġika** mġedda u tipproponi sett ta' prijoritajiet u azzjonijiet konkreti f'oqsma ewlenin.

L-ewwel nett, l-UE u l-ALK huma **alleati ewlenin biex isaħħu s-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u jżidu l-azzjoni konġunta għall-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem**. Filwaqt li jirrappreżentaw terz tas-sħubija tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-UE u l-ALK għandhom rwol importanti fir-rispett tad-dritt internazzjonali u fid-difiża tal-prinċipji tal-Karta tan-NU, inkluż billi jieħdu azzjoni kontra l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. L-UE u l-ALK għandhom ukoll l-istess objettiv li jagħmlu s-sistema multilaterali aktar effettiva u rappreżentattiva.

It-tieni, l-UE u l-ALK huma **sħab kummerċjali u ta' investiment mill-qrib b'interess kondiviż fil-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u t-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika**, filwaqt li jnaqqsu d-dipendenzi eċċessivi u jiddiversifikaw ir-relazzjonijiet kummerċjali. Iż-żewġ reġjuni huma konnessi permezz ta' wieħed mill-aktar networks densi ta' ftehimiet kummerċjali, li għandhom jiġu kkompletati biex jiġi sfruttat il-potenzjal ulterjuri. L-UE hija l-akbar investitur fir-reġjun tal-ALK, it-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali¹ u l-kontributur ewlieni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

It-tielet, iż-żewġ reġjuni jaspiraw li **jibnu soċjetajiet inklużivi u sostenibbli**, abbażi ta' impenn konġunt għall-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha². Ir-reġjun tal-ALK huwa vitali għall-bilanċ ekoloġiku tal-pjaneta, minbarra li huwa produttur ewlieni tal-ikel u kapaċi jipprovdi ħafna enerġija rinnovabbli. L-UE u l-ALK għandhom

¹ Eurostat. L-istokk totali tal-Investiment Dirett Barrani tal-UE fl-ALK kien ta' EUR 693 biljun fi tmiem l-2021.

² Kif ukoll il-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u t-Trattat dwar l-Ibħra Miftuħa dwar il-Bijodiversità tal-Baħar lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali.

flimkien imexxu tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inkluż bit-tnedija tal-istrateġija ta' investiment tal-Global Gateway.

1. Sħubija politika mġedda

Sħubija b'saħħitha bejn l-UE u l-ALK teħtieġ **impenn politiku mġedded** fil-livelli kollha: bejn iż-żewġ reġjuni, ma' pajjiżi individwali tal-ALK, ma' sottoreġjuni u f'fora multilaterali. **Djalogu politiku ta' livell għoli miftuħ u regolari** huwa essenzjali biex jipprovdi fokus u impetu lir-relazzjoni, biex jifhmu l-interessi ta' xulxin, jaqblu dwar prijoritajiet u azzjonijiet konġunti u biex jindirizzaw l-isfidi u d-differenzi fir-relazzjoni tagħna hekk kif jinqalgħu.

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK huma bbażati fuq **approċċ flessibbli u b'diversi livelli**, b'kont meħud tad-diversità u d-dinamika li qed tinbidel tar-reġjun. L-UE se tkompli tappoġġa l-integrazzjoni reġjonali filwaqt li tapprofondixxi wkoll l-impenn dwar għanijiet kondiviżi ma' pajjiżi interessati. Fil-livell bireġjonali, is-Summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) f'Lulju 2023, l-ewwel wieħed wara l-2015, joffri opportunità unika biex is-sħubija tingħata ħajja ġdida.

Biex imexxu 'l quddiem din l-aġenda pożittiva, iż-żewġ naħat għandhom jimpenjaw ruħhom għal laqgħat regolari fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern, laqgħat tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin, darba kull sentejn, u laqgħat oħra ministerjali u ta' uffiċjali għolja kif xieraq. Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni permanenti bejn l-UE u s-CELAC biex jiġu żgurati l-kontinwità u s-segwitu, konsistentement mal-evoluzzjoni tas-CELAC biex tistabbilixxi l-istrutturi tagħha stess. L-għan tiegħu jkun li jibni bażi komuni għall-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet tal-aġenda, iwieġeb għal żviluppi emerġenti u jippromwovi djalogi settorjali speċifiċi u inizjattivi konġunti kif meħtieġ.

Djalogu bireġjonali regolari mas-CELAC se jikkomplementa **l-involviment imsaħħaħ ma' pajjiżi individwali tal-ALK kif ukoll ma' gruppi (sotto)reġjonali** bħall-Mercosur, is-Sistema ta' Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali (SICA), il-Komunità Andina, l-Alleanza tal-Paċifiku jew l-Alleanza għall-Iżvilupp fid-Demokrazija.

Sottoreġjun distint bl-ispeċifiċitajiet tiegħu stess, **il-Karibew jistħoqqlu aktar attenzjoni politika u djalogu strutturat**. F'dan ir-rigward għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP). L-UE għandha wkoll tkompli tiddjaloga ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-NU, inkluża l-Kummissjoni Ekonomika tagħha għall-Amerika Latina u l-Karibew, l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani kif ukoll is-Segretarjat Ġenerali Ibero-Amerikan.

L-oqfsa bilaterali jew reġjonali tal-UE, li jinkludu kważi l-pajjiżi kollha tal-ALK, jistgħu jintużaw ukoll b'manjiera aktar effikaċi. Flimkien mas-sħab tagħha, l-UE se tkompli taġġorna l-ftehimiet politiċi, kummerċjali u ta' kooperazzjoni eżistenti, kif rilevanti. Il-konklużjoni tal-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur tfisser bidla radikali fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK. L-involviment bilaterali ma' pajjiżi individwali, imfassal għal interessi u ħtiġijiet speċifiċi, se jibqa' fil-qalba tar-relazzjoni bejn l-UE u l-ALK. Il-preżenza tal-UE fl-ALK permezz ta' erba' reġjuni ultraperiferiċi³ kif ukoll il-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej⁴ hija ta' vantaġġ għal din is-sħubija.

³ Il-Guyana Franċiża, Guadeloupe, Martinique, Saint Martin.

Fil-livell multilaterali, il-kooperazzjoni stabbilita sew bejn l-UE u l-Grupp tan-NU tal-Amerika Latina u l-Pajjiżi tal-Karibew (GRULAC) tista' tissaħħaħ, inkluż permezz ta' djalogu aktar regolari bbażat fuq il-kwistjonijiet u djalogu f'waqt u kontinwu bejn in-networks diplomatiċi tal-UE u tal-ALK fil-bliet kapitali u fiċ-ċentri multilaterali.

L-oqsma għall-kooperazzjoni jinkludu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-impenji globali dwar it-tibdil fil-klima u l-ambjent, is-saħħa globali u l-Patt Diġitali Globali, u l-appoġġ għall-“Aġenda Komuni” tas-Segretarju Ġenerali tan-NU. Iż-żewġ reġjuni għandhom ukoll interess li jiżguraw li l-arkitettura multilaterali tkun aktar rappreżentattiva u adatta biex tindirizza l-isfidi tas-seklu 21.

L-UE u l-ALK għandhom isaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom fil-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), il-G20, il-banek multilaterali tal-iżvilupp bħall-Grupp tal-Bank Dinji u l-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp, u fil-banek tal-iżvilupp reġjonali.

L-UE u l-ALK jikkondividu interess qawwi li jaħdmu flimkien biex is-sistema finanzjarja globali tkun tista' twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari permezz tar-riforma tal-banek multilaterali tal-iżvilupp. Dan jinkludi sforzi konġunti biex jiġi żgurat Summit ta' suċċess għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid u segwitu għall-eżiti tiegħu, filwaqt li jitqiesu propositi bħall-Inizjattiva Bridgetown.

L-UE u l-ALK għandhom ikomplu jikkooperaw dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa. Iż-żewġ reġjuni għandhom interess komuni fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni, it-tassazzjoni ġusta, u l-istandards minimi kontra l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti. L-UE se tkompli tappoġġa l-adeżjoni tal-pajjiżi kandidati tal-ALK mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiki (OECD)⁵ jew tinkoraġġixxi s-sħubija tagħhom f'fora internazzjonali/multilaterali rilevanti.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti:

- Jissaħħaħ id-djalogu bejn l-UE u s-CELAC: jiġu organizzati summits regolari — li jalternaw ma' laqgħat tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin, u jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni permanenti UE-CELAC;
- Jissaħħaħ l-involviment diplomatiku bejn l-UE u l-Karibew, inkluż mal-Komunità tal-Karibew (CARICOM). Laqgħa tal-Mexxejja tal-UE-CARICOM, li għandha tiġi organizzata fil-marġini tas-Summit UE-CELAC tas-17–18 ta' Lulju 2023, se tkun sinjal importanti, ikkomplementata bl-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari fil-livell tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin;
- Jiġi ffirmat il-Ftehim bejn l-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) u ssir hídma lejn ir-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali;
- It-tnedija mill-ġdid ta' summits bilaterali ma' sħab strateġiċi, il-Brażil u l-Messiku;

⁴ Aruba, Bonaire, Curaçao, Saba, Sint Eustatius, Sint Maarten, Saint Barthélemy.

⁵ L-Arġentina, il-Brażil u l-Perù.

- Fejn xieraq, jiġi modernizzat in-network eżistenti ta' Ftehimiet Politiċi u ta' Kooperazzjoni u jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' dialogu politiku bilaterali mal-pajjiżi tal-ALK li attwalment ma għandhomx;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-ALK u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, kif ukoll il-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej li jinsabu fir-reġjun tal-ALK f'żoni ta' interess komuni;
- Ikun hemm ħidma mill-qrib mal-pajjiżi tal-ALK fit-tħejjija għas-Summit tal-SDG u s-Summit tal-Futur fl-2024, bil-ħsieb li l-Aġenda 2030 terġa' taqbad it-triq it-tajba u jinkiseb "Patt għall-Futur" trasformattiv u li jħares 'il quddiem;
- Jiġu stabbiliti konsultazzjonijiet regolari bejn l-UE u l-GRULAC, u tissaħħaħ il-koordinazzjoni inkluż permezz ta' proposti konġunti f'istituzzjonijiet u korpi multilaterali ewlenin, filwaqt li jiġu esplorati opportunitajiet għal skambji u sħubijiet ambizzjużi dwar suġġetti speċifiċi;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni għal Patt Finanzjarju Globali ġdid;
- Jiġu identifikati opportunitajiet għall-appoġġ ta' kandidati kwalifikati sew għal pożizzjonijiet ta' tmexxija multilaterali mir-reġjuni ta' xulxin.

2. *Tisħiħ ta' aġenda kummerċjali komuni UE-ALK*

Ir-rabtiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u l-ALK huma bbażati fuq **network ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali u reġjonali** li żied il-kummerċ bidirezzjonali b'40 % mill-2018⁶. Dawn il-ftehimiet huma mutur ewleni għat-tkabbir peress li jipprovdu aċċess preferenzjali u joffru kuntest stabbli għall-kummerċ sostenibbli.

Il-ftehimiet kummerċjali jiffaċilitaw l-esportazzjonijiet minn intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), jippromwovu t-trasparenza fl-akkwist pubbliku, isaħħu l-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali, u jsostnu l-investiment u l-innovazzjoni. Permezz ta' ftehimiet kummerċjali u investimenti relatati, iż-żewġ reġjuni jiddiversifikaw il-kummerċ u jibnu ktajjen tal-provvista sostenibbli, anki għall-enerġija nadifa u l-materja prima kritika. Dawn il-ftehimiet huma katalisti għal żvilupp sostenibbli u inklużiv, jagħtu vuċi lis-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ naħat, u jipprovdu pjattaforma għall-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-protezzjoni tal-ambjent u l-integrazzjoni reġjonali.

Il-konklużjoni tal-ftehim **bejn l-UE u l-Mercosur** hija prijorità għall-UE, peress li dan iġib iż-żewġ reġjuni flimkien fi sħubija ta' benefiċċju għal kulħadd li toħloq opportunitajiet għal aktar tkabbir, tappoġġa l-impjiegi u tagħti spinta lill-iżvilupp sostenibbli.

L-UE u **ċ-Ċili** nneogzjaw modernizzazzjoni tal-ftehim attwali tagħhom li jtejjeb l-aċċess għas-swieq ta' xulxin, jinkludi impenji ambizzjużi dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (inkluż dwar il-ġeneru u sistemi tal-ikel sostenibbli) u jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli u l-użu sostenibbli tal-materja prima.

L-UE u **l-Messiku** huma impenjati fil-modernizzazzjoni tal-ftehim eżistenti tagħhom bil-ħsieb li japprofondixxu u jwessgħu r-rabtiet politiċi u ekonomiċi tagħhom. Minbarra li tneħħi

⁶ ESTAT Comext: Il-kummerċ totali fl-2018: EUR 209,44 biljun; fl-2022: EUR 293,09 biljun. Tkabbir ta' 39,9 %.

l-biċċa l-kbira tal-ostakli li fadal għall-kummerċ, il-modernizzazzjoni, fost oħrajn, se ssaħħa l-impenji tal-UE u l-Messiku għal standards għoljin ta' kummerċ u żvilupp sostenibbli u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-investment.

Ladarba l-ftehimiet mal-**Amerika Ċentrali u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador** ikunu ġew ratifikati mill-Istati Membri kollha tal-UE, għandu jiġi kkunsidrat it-tiżi tad-dispożizzjonijiet ta' sostenibbiltà tagħhom. Iż-żewġ ftehimiet ikkontribwew għall-istabbiltà, id-diversifikazzjoni u l-prevedibbiltà tal-ambjent tal-kummerċ u tal-investment bejn iż-żewġ reġjuni⁷. Huma stabbilew ukoll strutturi ta' dialogu effiċjenti biex jiddiskutu u jaħdmu fuq ix-xogħol u l-ambjent. Ir-ratifika tal-ftehim il-ġdid UE-OSAKP hija importanti wkoll għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) UE-CARIFORUM bħala l-qafas politiku tiegħu.

Sabiex jiġi realizzat il-potenzjal sħiħ tal-ftehimiet kummerċjali għaż-żewġ reġjuni, huma meħtieġa wkoll sforzi ta' implimentazzjoni sostnuti. Dan jeħtieġ l-involvement tal-atturi pertinenti kollha, inklużi n-negozji ta' kull daqs u s-soċjetà ċivili. Id-dialogu dwar il-politiki ta' tranżizzjoni ekoloġika fil-qafas tal-ftehimiet għandu jsahha il-kontribut tal-kummerċ għall-għanijiet ta' sostenibbiltà. Ir-reviżjoni konġunta ta' kull 5 snin li għaddejjja mal-CARIFORUM se tidentifika konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet operattivi għal implimentazzjoni aħjar tal-ftehim, tikkontribwixxi għal operattività sħiħa tad-dispożizzjonijiet ewlenin kollha u tgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal ekonomiku sħiħ tal-ftehim.

L-UE se tkompli taħdem mas-sħab tal-ALK biex tgħin **fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal investment sostenibbli**, inkluż permezz tal-Global Gateway u l-appoġġ ta' oqfsa legali miftuħa, stabbli u prevedibbli, it-tneħħija ta' ostakli diskriminatorji, u l-implimentazzjoni tal-faċilitazzjoni tal-investment.

Il-ftehimiet kummerċjali jikkontribwixxu għal qafas legali bbażat fuq il-kummerċ, trasparenti u stabbli għall-kummerċ u l-investment fil-materja prima bejn l-UE u l-pajjiżi tal-ALK. Filwaqt li tibni fuq is-sħubijiet li qed jiġu żviluppati ma' pajjiżi individwali tal-ALK, l-UE se taħdem mas-sħab interessati tal-ALK dwar l-istabbiliment ta' Klabb Globali dwar il-Materja Prima Kritika biex jissaħħa l-ktajjen tal-provvista sostenibbli u jiġi diversifikat it-tiftix ta' sorsi ta' provvista, filwaqt li jitlaqqgħu pajjiżi li jikkunsmaw u li għandhom ħafna riżorsi biex jindirizzaw b'mod konġunt l-isfidi kondivizi⁸.

L-UE u l-ALK jikkondividu interess f'**ordni kummerċjali b'saħħitha u bbażata fuq ir-regoli u f'Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) riformata** b'mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għall-membri kollha, kemm jekk kbar kif ukoll jekk żgħar. Iż-żewġ reġjuni jiżvolgħu rwol importanti fin-negozjati ta' inizjattivi plurilaterali, bħall-kummerċ elettroniku. L-UE se tippromwovi u tappoġġa l-applikazzjoni fl-ALK tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Investment tad-WTO li, ladarba jiġi konkluż, se jkompli jżid l-investimenti fl-ALK.

L-attenzjoni għall-**aġenda ta' sostenibbiltà** bejn l-UE u l-ALK għandha tindirizza wkoll b'mod konġunt l-impatt tal-leġislazzjoni tal-UE, b'mod partikolari b'rabta mal-Patt

⁷ Ara s-sit web tad-DĠ Kummerċ, evalwazzjoni *ex post* tal-ftehimiet kummerċjali:

https://policy.trade.ec.europa.eu/analysis-and-assessment/ex-post-evaluations_en

⁸ COM(2023) 165, 16.3.2023: "Provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika b'appoġġ għat-tranżizzjoni doppja".

Ekoloġiku Ewropew (il-politika dwar id-deforestazzjoni, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri u strumenti oħra li jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika) u dawk li għandhom l-għan li jiżguraw is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti. Id-diskussjoni għandha tinkludi wkoll appoġġ biex jiġi aġevolat il-kummerċ fi prodotti soġġetti għal dawn il-biċċiet ta' leġislazzjoni.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti:

- Jiġu finalizzati l-proċeduri għall-iffirmar tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-UE u ċ-Ċili u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles *interim* u tipproċedi bir-ratifika tagħhom;
- Isir progress deċiżiv lejn l-iffirmar u r-ratifika tal-ftehimiet bejn l-UE u l-Messiku u UE–Mercosur;
- Titlesta r-ratifika mill-Istati Membri tal-UE tal-ftehimiet mal-Amerika Ċentrali u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador u kunsiderazzjoni konġunta ta' aġġornamenti mmirati;
- Tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet kummerċjali kollha bejn l-UE u l-imsieħba tal-Amerika Latina u tal-Karibew inkluż permezz ta' assistenza teknika u involviment tan-negozju;
- Jitlesta l-proċess ta' reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-CARIFORUM għall-identifikazzjoni tal-għodod operattivi, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għall-funzjonament aħjar tiegħu;
- Intensifikazzjoni tad-djalogu dwar il-politiki ta' tranżizzjoni ekoloġika rispettivi tal-UE u tal-ALK u jiġi indirizzat b'mod konġunt l-impatt tal-leġislazzjoni tal-UE, inkluż l-ġoti ta' appoġġ biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ;
- Tisħieħ tal-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-ALK fid-WTO, b'mod partikolari dwar ir-riforma tal-organizzazzjoni u dwar in-negozjati ta' ftehimiet plurilaterali;
- Ħidma ma' pajjiżi tal-ALK interessati dwar il-Klabb futur dwar il-Materja Prima Kritika.

3. Global Gateway u l-appoġġ għal sħubijiet għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ALK teħtieġ **approċċi innovattivi bbażati fuq sħubijiet ugwali fil-livelli kollha**. Ir-reġjun tal-ALK huwa magħmul primarjament minn pajjiżi b'introjtu medju u huwa rikk fir-riżorsi naturali; madankollu, għad hemm inugwaljanzi kbar u sfidi strutturali⁹, aggravati aktar minn kriżijiet li jikkoinċidu. Bħala donatur u investitur ewlieni fir-reġjun, l-UE tista' tibbaża fuq firxa wiesgħa ta' għodod ta' politika, strumenti¹⁰ u l-approċċ ta' Tim Ewropa, li jassoċja lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE, biex tindirizza kemm l-isfidi kif ukoll l-opportunitajiet, u taħdem mal-ALK lejn

⁹ FI-2022, 32,1 % tal-popolazzjoni fl-ALK (201 miljun persuna) kienet tgħix fil-faqar u 13,1 % (82 miljun) f'faqar estrem (żieda ta' 12-il miljun f'faqar estrem meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel il-pandemija fl-2019).

¹⁰ L-istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali) joffri qafas għal involviment mal-pajjiżi kollha tal-ALK fil-livelli reġjonali u subreġjonali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni ewlenin bħall-EUROCLIMA+, il-programm tal-Baċir tal-Amazōnja jew il-Faċilità tal-UE għall-Bini tar-Reżiljenza tal-Karibew.

tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta u inklużiva u żvilupp sostenibbli, f'konformità mal-SDGs.

Permezz tal-Global Gateway¹¹, l-UE tista' tingrana **investimenti ta' kwalità biex tgħin fl-indirizzar tal-ħtiġijiet infrastrutturali tal-ALK**, tappoġġa l-iżvilupp tal-kapital uman, inkluż it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nies, speċjalment in-nisa, iż-żgħażaġh u daww l-aktar vulnerabbli, u ssaħħa in-negozju abilitanti u l-ambjent regolatorju, bl-għan li jinħolqu valur miżjud lokali, tkabbir u impjiegi ta' kwalità. Global Gateway hija **offerta ta' investiment pożittiva u bbażata fuq il-valuri**, li tirrispetta standards internazzjonali għoljin. Din l-inizjattiva hija offerta għal perkors ekonomiku, soċjali u regolatorju kondiviż ibbażat fuq approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u l-prinċipji tas-sostenibbiltà, il-ftuħ, l-inklużività, ir-responsabbiltà u r-rispett għad-drittijiet fundamentali.

L-inizjattiva Global Gateway se tagħti spinta u tingrana l-investimenti tas-settur privat bi proġetti konkreti. L-ALK għandha linja bażi b'saħħitha għall-kooperazzjoni tal-Global Gateway: diġà hemm investimenti sostanzjali tal-UE, u ż-żewġ reġjuni għandhom aġendi ta' politika bbażati fuq valuri komuni. L-aġenda ta' investiment tal-Global Gateway għalhekk se tidentifika **opportunitajiet ġusti ta' investiment ekoloġiku u diġitali fl-ALK**, li se jibbenefikaw mill-ambjent miftuħ u mhux diskriminatorju ġġenerat mill-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment.

a. Kooperazzjoni għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta

L-emerġenza klimatika tirrappreżenta sfida eżistenzjali għall-umanità. L-UE u l-Istati tal-ALK jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-isforzi kooperattivi globali biex tiġi indirizzata din l-isfida.

Ir-reġjun tal-ALK għandu **potenzjal uniku** f'termini ta' bijodiversità, riżorsi naturali, enerġiji rinnovabbli sostenibbli, produzzjoni agrikola u materja prima kritika strateġika. Fih 50 % tal-bijodiversità tal-pjaneta li hija vitali għall-bilanċ ekoloġiku tagħha, b'mod partikolari fl-Amazunja¹². Ir-reġjun huwa essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi u ambjentali globali, inkluż l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, it-Trattat dwar l-Ibħra Miftuħa dwar il-Bijodiversità tal-Baħar lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ) u r-riżoluzzjoni għal Ftehim Globali dwar it-Tniġġis tal-Plastik.

Hemm potenzjal sinifikanti għall-kooperazzjoni lejn **ekonomiji newtrali għall-klima, nodfa u pożittivi għan-natura**. Iż-żewġ reġjuni huma impenjati li jipproteġu l-bijodiversità, iwaqqfu d-deforestazzjoni, jippromwovu ekonomiji aktar ċirkolari, itejbu l-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, iżidu l-produttività tar-riżorsi, jindirizzaw it-tniġġis¹³ u jinvestu fir-reżiljenza għall-klima.

Biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, l-UE u l-ALK għandhom isaħħu s-sħubija tagħhom dwar **it-tranżizzjoni ekoloġika**, inkluż permezz ta' investimenti tal-Global Gateway, aktar dialogu u kooperazzjoni dwar il-politiki u l-oqfsa regolatorji, u permezz tal-implimentazzjoni ta'

¹¹ JOIN(2021) 30 final, 1.12.2021: "Il-Portal Globali".

¹² UNEP (2016) Biodiversity in Latin America and the Caribbean.

¹³ Pereżempju, il-Brażil qed jerġa' jattiva l-Fond għall-Amazunja biex jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli, il-protezzjoni tal-foresti u d-drittijiet tal-bniedem.

ftehimiet kummerċjali u l-promozzjoni tar-relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet reġjonali¹⁴. L-UE se taħdem mas-sħab tal-ALK dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni u l-istrumenti tagħha li jimplimentaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Fis-settur tal-**enerġija**, it-taħlita ġenerali tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-ALK għandha l-akbar sehem ta' sorsi rinnovabbli fid-dinja, li fl-2021 kien jammonta għal 61 %¹⁵. Jistgħu jiġu segwiti diversi modi ta' ħidma konġunta biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, billi jiżdied l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli¹⁶ u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika (li tinvolvi l-iffrankar tal-enerġija). Barra minn hekk, l-investimenti tal-Global Gateway jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' provvista sigura ta' enerġija affordabbli u nadifa. Hemm potenzjal għal investimenti konġunti fl-elettromobbiltà, iż-żieda tal-konnettività sikura u sostenibbli bl-ajru, u t-titjib tas-sistemi u l-infrastruttura tat-trasport pubbliku, biex isiru aktar nodfa, aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u innovattivi.

Barra minn hekk, l-UE u r-reġjun tal-ALK qed ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni tagħhom fil-qasam tal-enerġija, kemm fuq bażi bilaterali, bħal f'fora multilaterali¹⁷, inkluż permezz ta' Memoranda ta' Qbil dwar it-tranżizzjoni ekoloġika inkluż l-idroġenu¹⁸.

Billi diversi pajjiżi tal-ALK huma vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima, l-UE se tkompli tappoġġa strateġiji nazzjonali effettivi ta' adattament għat-tibdil fil-klima u tappoġġa lill-komunitajiet fil-livell bireġjonali kontra d-danni kkawżati minn perikli naturali, filwaqt li tibni fuq inizjattivi eżistenti¹⁹. L-UE tibqa' impenjata li tkompli tappoġġa l-programmi ta' **tħejjija għad-diżastri**, kif ukoll li żżid il-kooperazzjoni ġenerali fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, u li tiskambja l-aħjar prattiki.

Kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-ALK dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-**Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar** u l-ftehimiet ta' implimentazzjoni tagħha toħloq kundizzjonijiet għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani, inkluż l-istabbiliment ta' sistema rappreżentattiva ta' żoni protetti tal-baħar fl-Antartika, l-implimentazzjoni tal-BBNJ u s-sikurezza tan-navigazzjoni. Hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, kif ukoll f'organizzazzjonijiet reġjonali u multilaterali li jitrattaw l-oċeani inkluż is-sajd, u għall-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi.

Bħalissa r-reġjun tal-ALK qed jiżviluppa qafas **għat-tassonomija għal finanzjament sostenibbli**, li għandu sinifikat ċentrali għas-sostenn tal-isforzi għal interoperabbiltà reġjonali u globali u biex jiġu attirati investituri internazzjonali, kif ukoll l-iżvilupp ta' qafas konvinċenti għall-bonds ħodor.

¹⁴ Bħall-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni tat-Trattat tal-Amazzonja.

¹⁵ OECD/ECLAC/European Commission/CAF (2022) Latin American Economic Outlook 2022: Towards a green and just transition.

¹⁶ Inklużi l-ilma, ir-riħ u x-xemx, li joffru wkoll opportunitajiet biex jiġi prodott l-idroġenu rinnovabbli bħala trasportatur tal-enerġija.

¹⁷ Bħall-OLADE (Organizzazzjoni Latino-Amerikana tal-Enerġija).

¹⁸ Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' swieq tal-idroġenu globali bbażati fuq ir-regoli, trasparenti u mingħajr distorsjoni bbażati fuq standards internazzjonali affidabbli u skemi ta' ċertifikazzjoni, inkluż permezz tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu.

¹⁹ Bħall-Programm għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri tal-Karibew u d-Djalogu bejn l-UE u l-ALK dwar il-Ġestjoni tan-Nirien.

L-appoġġ għall-politiki ta' **dekarbonizzazzjoni** madwar id-dinja, b'mod partikolari fost l-emittenti ewlenin, huwa prijorità biex tinkiseb in-newtralità klimatika globali sal-2050. L-UE ilha tappoġġa l-politiki tal-ipprezzar tal-karbonju. Abbażi tal-profil tal-emissjonijiet tal-ALK, hemm interess ċar li nikkonċentraw flimkien fuq azzjonijiet ta' mitigazzjoni fl-agrikoltura, it-trasport, il-forestrija u l-enerġija.

Hekk kif it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika taqbad ir-ritmu, id-domanda għal **materja prima kritika** (CRMs) hija pproġettata li tiżdied b'mod esponenzjali. L-aċċess fit-tul għal provvista sigura u sostenibbli hu sfida kondiviża għall-komunità globali. L-ALK hija rikka fil-materja prima kritika u se jkollha rwol ċentrali fl-iżgurar ta' tranżizzjoni f'waqtha li ttejjeb il-kapaċità produttiva u ta' esportazzjoni tagħha, filwaqt li żżid il-valur għar-riżorsi naturali permezz tal-innovazzjoni u t-teknoloġija²⁰ u standards ambjentali, soċjali u ta' governanza għoljin.

Iż-żewġ reġjuni jkunu japproffittaw minn kooperazzjoni, djalogu, diversifikazzjoni u investment aktar mill-qrib sabiex jissodisfaw id-domanda dejjem tikber, jiżguraw aċċess affidabbli għar-riżorsi, jiżviluppaw u jtejjbu r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur u jiżguraw standards ambjentali u soċjali għoljin. F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar is-CRM tal-2023²¹, l-UE se ssegwi sħubijiet strateġiċi ta' benefiċċju reċiproku bil-ħsieb li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi tal-ALK b'mod sostenibbli u tappoġġa l-ħolqien ta' katina tal-valur.

L-UE u l-ALK għandhom jikkooperaw bilaterament u multilateralment bil-ħsieb tal-implimentazzjoni sħiħa u rapida tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, u t-Trattat BBNJ.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti, inkluż taħt Global Gateway:

- Xprunar b'mod konġunt, bħala parti mill-aġenda ta' investment tal-Global Gateway, l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investment ekoloġiku²² u ssaħħaħ il-kooperazzjoni taħt l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa reġjonali²³;
- Intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra t-telf tal-foresti u tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-foresti, b'mod partikolari fl-Amazunja u l-Ħames Foresti l-Kbar ta' Mesoamerica, permezz ta' inizjattivi ddedikati ta' Tim Ewropa;
- Konklużjoni ta' Memoranda ta' Qbil dwar l-enerġija u sondaġġ ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku kif previst taħt l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar il-Materja Prima Kritika;
- Tisħiħ tad-djalogu permezz ta' laqgħat u djalogi ministerjali bireġjonali regolari dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima; Verifika tal-istabbiliment ta' djalogu dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u intensifikazzjoni tad-djalogi bilaterali dwar il-klima, l-ambjent u l-enerġija;

²⁰ Pereżempju, l-Arġentina, il-Bolivja u ċ-Ċili waħedhom għandhom 60 % tar-riżervi tal-litju identifikati.

²¹ COM(2023) 165, 16.3.2023: "Provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika b'appoġġ għat-tranżizzjoni doppja".

²² Bħal dwar il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fiċ-Ċili, l-Arġentina, l-Urugwaj u dwar il-mobbiltà urbana sostenibbli fir-Repubblika Dominicana.

²³ Bħall-Inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar it-Tranżizzjoni Ekoloġika.

- Tisħiħ tal-kooperazzjoni lejn eżiti ambizzjużi f'Konferenzi tal-Partijiet futuri, b'mod partikolari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;
- Promozzjoni tal-iżvilupp ta' oqfsa ta' finanzjament sostenibbli interoperabbli, inklużi tassonomiji, u l-iżvilupp ta' swieq ta' bonds ekoloġiċi biex jattiraw l-investituri u jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju;
- Tavvanza l-kooperazzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari²⁴ fil-fora rilevanti, inklużi l-G20 u l-Aġenzija tan-NU għall-Ambjent;
- Promozzjoni ta' skambji u azzjonijiet favur it-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika, inkluż l-idroġenu rinnovabbli;
- Jiġu konklużi Memoranda ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni fit-tħejjija għad-diżastri u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri bejn l-UE u l-korpi kompetenti fl-ALK²⁵;
- Jissaħħu l-azzjonijiet fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali u l-kooperazzjoni dwar sistemi ta' twissija bikrija u monitoraġġ għad-degradazzjoni/id-deforestazzjoni tal-foresti u n-nirien²⁶.

b. Ningħaqdu flimkien għal trasformazzjoni diġitali inklużiva u ċċentrata fuq il-bniedem

L-UE u l-ALK għandhom interess konġunt li jsegwu politiki diġitali li **jagħtu s-setgħa lin-nies u lin-negozji** biex jaħtfu futur diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, sostenibbli u aktar prosperuż. F'konformità mal-għan tal-Kumpass Diġitali tal-UE²⁷ li jistabbilixxi sħubijiet diġitali internazzjonali, **l-Alleanza Diġitali UE-ALK** tnediet f'Marzu 2023 bħala qafas informali bbażat fuq valuri u prinċipji kondivizi²⁸ biex jiġu żviluppati djalogu u kooperazzjoni bireġjonali fl-ispettru sħiħ ta' kwistjonijiet diġitali. L-Alleanza tibni fuq sett ta' proġetti ewlenin implimentati f'approċċ ta' Tim Ewropa²⁹ u tikkomplementa d-djalogi ta' politika diġitali ma' pajjiżi individwali.

It-trasformazzjoni u l-konnettività diġitali huma sfidi ewlenin għar-reġjun. Fil-kuntest tal-aġenda ta' investment Global Gateway, l-Alleanza se tippromwovi l-investment fit-tnedija ta' infrastruttura diġitali sigura u reżiljenti, u tappoġġa lis-sħab fl-indirizzar tad-distakki diġitali, inkluż permezz tal-forniment ta' servizzi pubbliċi bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Sabiex jintlaħaq dan l-għan se jkun importanti involviment imsaħħa mill-

²⁴ Bħall-Koalizzjoni ta' Ekonomija Ċirkolari għall-ALK, l-Alleanza Globali dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi.

²⁵ Inkluż iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-Prevenzjoni tad-Diżastri fl-Amerika Ċentrali (CEPREDENAC), l-Aġenzija għall-Ġestjoni tal-Emerġenzi tad-Diżastri tal-Karibew (CEDEMA), il-Kumitat Andin għall-Prevenzjoni u l-Kura tad-Diżastri (CAPRADE) u l-Laqqha tal-Ministri u l-Awtoritajiet Għolja għall-Ġestjoni Integrali tar-Riskju ta' Diżastri (RMAGIR).

²⁶ Bħal fl-Inizjattiva Tim Ewropa dwar il-Baċir tal-Amazzonja.

²⁷ COM(2021) 118 final, 9.3.2021: "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali".

²⁸ Kif rifless fil-Karta Ibero-Amerikana tad-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali li l-valuri tagħhom huma allinjati ħafna mad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali.

²⁹ L-istabbiliment ta' djalogu ta' politika bireġjonali dwar kwistjonijiet diġitali, l-espansjoni tal-programm BELLA (BELLA II), l-implimentazzjoni ta' strateġija reġjonali ta' Copernicus u l-EU-LAC Digital Accelerator għall-promozzjoni tal-intraprenditorija u tal-innovazzjoni.

istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, b'mod partikolari l-Bank Ewropew tal-Investment, dwar il-konnettività diġitali.

Id-djalogu regolatorju huwa importanti biex tingħata spinta lill-kompatibbiltà diġitali. Iż-żewġ reġjuni se jinvolve ruħhom reġjonalment u bilateralment f'oqsma ta' interess konġunt, inkluż l-introduzzjoni sigura tal-5G, ir-regolamentazzjoni tas-swieq u s-servizzi diġitali, l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) għall-għid pubbliku, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-governanza tad-data u ċ-ċibersigurtà.

Qasam ieħor fejn il-konverġenza tista' ggħib benefiċċji għaż-żewġ reġjuni huwa l-promozzjoni ta' **flussi ta' data** ħielsa u sikuri. Dan jinkludi kooperazzjoni attiva mas-sħab għal "konstatazzjoni tal-adegwatezza", kif diġà huwa l-każ ma' xi pajjiżi tal-ALK. Tali arranġamenti jistgħu jqawwu l-benefiċċji tal-ftehimiet kummerċjali u jagħtu spinta lill-kooperazzjoni f'oqsma oħra bħal, pereżempju, ir-riċerka jew il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi. Peress li diversi sħab fir-reġjun adottaw jew qed jimplimentaw liġijiet moderni dwar il-protezzjoni tad-data, dan jippreżenta opportunitajiet ġodda biex jiġu ffaċilitati l-flussi tad-data. Iż-żewġ reġjuni għandhom iżidu d-djalogu tagħhom f'organizzazzjonijiet u networks reġjonali li għandhom rwol dejjem akbar fit-tfassil ta' standards komuni tal-protezzjoni tad-data.

L-UE u l-ALK għandhom jingħaqdu flimkien biex jippromwovu l-viżjoni tagħhom ta' trasformazzjoni diġitali f'**fora multilaterali**³⁰, iggwidata b'mod partikolari mid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali³¹, l-Aġenda Diġitali eLAC 2024³² u d-Dikjarazzjoni għall-Futur tal-Internet³³. Din it-trasformazzjoni diġitali għandha tintuża wkoll biex jiżdedu l-ħiliet diġitali, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u t-tfal.

L-ispazju joffri wkoll opportunitajiet għall-kollaborazzjoni. Id-data, is-servizzi u l-applikazzjonijiet ibbażati fl-ispazju jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tweqqif tal-oġġettivi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Fl-2021, is-CELAC qablet li tistabbilixxi l-Latin American and Caribbean Space Agency (ALCE), li tista' tibbenefika mill-għarfien espert tal-Ewropa fil-governanza spazjali multinazzjonali. Il-kollaborazzjoni diġà għaddejja fil-kuntest tal-programm ta' Osservazzjoni tad-Dinja Copernicus tal-UE, u hemm potenzjal għal aktar kooperazzjoni fil-qafas ta' Copernicus u l-programm ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo tal-UE. Iż-żewġ reġjuni għandhom isaħħu l-kooperazzjoni kontinwa dwar l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni biex jappoġġaw politiki bbażati fuq l-evidenza u miżuri ta' adattament, inkluż dwar il-ġestjoni tad-diżastri.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti, inkluż taħt Global Gateway:

- Jiżviluppaw b'mod konġunt, bħala parti mill-aġenda ta' investment tal-Global Gateway, proġetti ta' investment għal tranżizzjoni diġitali inklużiva³⁴;

³⁰ Inkluż fil-kuntest tal-Inizjattiva ta' Dikjarazzjoni Konġunta tad-WTO dwar il-kummerċ elettroniku.

³¹ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023C0123\(01\)&from=EN](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023C0123(01)&from=EN)

³² <https://www.cepal.org/en/projects/digital-agenda-latin-america-and-caribbean-elac2024>

³³ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/declaration-future-internet>

³⁴ Bħal dwar il-pakkett tal-ekonomija diġitali, b'appoġġ għall-proċess ta' paċi fil-Kolombja, l-iskjerament tal-5G fir-Repubblika Dominicana, il-konnettività tal-Amazzonja fil-Brażil, u inizjattivi ta' konnettività diġitali fil-Ġamajka u l-Costa Rica.

- Jiġu żviluppati azzjonijiet kongunti³⁵ taħt l-Alleanza Diġitali UE-ALK, jissaħħu d-djalogi reġjonali u bilaterali dwar il-politika diġitali u tiġi promossa l-konverġenza regolatorja;
- Progress fl-estensjoni tal-kejbil tal-fibra ottika BELLA taħt il-baħar (BELLA II) biex jilħaq l-Amerika Ċentrali u l-Karibew³⁶;
- L-implimentazzjoni ta' strateġija reġjonali ta' Copernicus li tinkludi ż-żewġ ċentri reġjonali tad-*data* ta' Copernicus fil-Panama u fiċ-Ċili;
- Jiġu esplorati deċiżjonijiet ġodda ta' adegwatezza mal-pajjiżi tal-ALK u arranġamenti oħra biex jiġi żgurat l-iskambju liberu u sikur ta' *data* personali;
- Promozzjoni ta' kuntatti u appoġġ bejn l-UE u l-ALCE għall-kollaborazzjoni f'attivitajiet spazjali u l-kontribuzzjoni għall-użu paċifiku u sostenibbli tal-ispazju ekstrasferiku.

c. Promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem

In-nies fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku jaspiraw li jgħixu f'**soċjetajiet inklużivi u prosperi**, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna aggravaw l-isfidi strutturali u l-inugwaljanzi eżistenti, li wasslu għal livelli dejjem akbar ta' faqar, dejn u insigurtà tal-ikel³⁷.

Huwa fl-interess taż-żewġ reġjuni li jżidu l-isforzi konġunti lejn **irkupru robust u sostenibbli** li jippromwovi l-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali. L-UE u l-pajjiżi tal-ALK għandhom jintensifikaw il-kollaborazzjoni biex jindirizzaw sfidi makroekonomiċi persistenti, jiddiversifikaw u jimmodernizzaw l-ekonomiji u jżidu r-reżiljenza tagħhom għal xokkijiet futuri.

L-UE tista' tikkontribwixxi għad-**diversifikazzjoni** tal-ALK f'setturi b'valur miżjud oġġla, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal tal-ekonomiji ekoloġiċi, blu, kreattivi u diġitali emerġenti. Djalogo ta' politika intensifikat, aġenda kummerċjali msaħħa bejn l-UE u l-ALK u Global Gateway jistgħu jikkontribwixxu biex jiżiedu l-investimenti bireġjonali sostenibbli u l-ktajjen tal-provvista reżiljenti li jkunu ta' benefiċċju għan-nies. Miri importanti huma ż-żieda fil-produttività, l-innovazzjoni, u l-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għall-SMEs tal-ALK, u l-promozzjoni ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u politiki ta' innovazzjoni, it-tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni u konsum ċirkolari u sostenibbli kif ukoll ktajjen tal-valur sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni.

Fl-aħħar snin, il-pajjiżi tal-ALK stabbilew ruħhom fix-xenarju tal-innovazzjoni, b'għadd dejjem jikber ta' kumpaniji Latin-Amerikani li kisbu status ta' "unicorn"³⁸. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom rwol ewlieni x'jaqdu b'mod partikolari fl-appoġġ tal-

³⁵ Inkluża l-espansjoni tal-programm BELLA u l-każijiet ta' użu tiegħu, u t-tneġġja ta' strateġija reġjonali ta' Copernicus.

³⁶ L-ewwel fażi ta' BELLA bniet rabta diretta tal-fibra ottika bejn l-Ewropa u l-Brażil, l-Arġentina, iċ-Ċili, l-Ekwador u l-Panama. BELLA II għandu l-għan li jestendi l-konnessjoni għall-Perù, il-Costa Rica, il-Gwatemala, El Salvador, il-Honduras, ir-Repubblika Dominicana u Trinidad u Tobago.

³⁷ Skont l-ECLAC (2021, 2022) l-ALK huwa r-reġjun bl-akbar dejn estern meta mqabbel mal-PDG (56,3 %) u l-oġġla servizz tad-dejn estern meta mqabbel mal-esportazzjonijiet u t-tkabbir (59 %). Fl-2020, il-prevalenza tan-nuqqas ta' nutrizzjoni laqgħet id-9,1 %, livell li ma deherx fir-reġjun mill-2005.

³⁸ <https://www.bbva.com/en/latin-americas-roadmap-to-innovation-the-most-enterprising-cities>

innovazzjoni u l-intraprenditorija fil-komunitajiet ta' madwarhom billi jibnu pontijiet mal-intraprendituri lokali, l-SMEs, l-istituti tar-riċerka, u s-soċjetà ċivili.

F'konformità mal-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni³⁹, aktar kooperazzjoni **fir-riċerka u l-innovazzjoni**, inkluż permezz tal-użu sħiħ tal-opportunitajiet taħt il-programm Orizzont Ewropa⁴⁰, hija essenzjali biex jinstabu u jiġu pprovduti s-soluzzjonijiet meħtieġa għal tranżizzjoni doppja ġusta. Il-Pjan Direzzjonali Strateġiku UE-CELAC għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁴¹ jipprovdi qafas biex jissaħħu l-mobbiltà u l-kooperazzjoni tar-riċerkaturi f'oqsma bħar-riċerka dwar l-oċeani, l-ekonomija ċirkolari, l-enerġija nadifa, l-infrastrutturi tar-riċerka, il-bijodiversità u l-aċċess għall-vaċċini u l-mediċini⁴².

L-avvanz **tal-iżvilupp tal-bniedem** huwa prijorità kondiviża. Il-ħidma konġunta għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u l-indirizzar tal-inugwaljanzi għandha tiġi aċċellerata, b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-inklużjoni tan-nisa, iż-żgħażaġħ, il-popli indiġeni, il-persuni LGBTIQ+ u l-persuni b'diżabbiltà. Il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal u ż-żgħażaġħ kollha, it-taħriġ vokazzjonali u l-iżvilupp tal-ħiliet li jallinjaw mal-ħtiġijiet tal-impjiegi se jkunu kruċjali biex jiġu pprovduti opportunitajiet lil kulħadd.

Iż-żewġ reġjuni għandhom jiprijoritizzaw l-istandards, **ir-responsabbiltà soċjali korporattiva**, u l-imġiba responsabbli fin-negozju. L-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fit-tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u fit-trawwim ta' djalogu soċjali u tripartitiku effettiv. L-UE se tkompli taħdem mas-sħab tal-ALK biex tuża l-ftehimiet kummerċjali bħala strumenti għal żvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv.

L-isforzi konġunti biex jiġu żviluppati miżuri fil-qafas tal-kunċett "Saħħa Waħda" u biex tissaħħaħ **is-sigurtà tas-saħħa** saru aktar rilevanti, f'konformità mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għas-Saħħa Globali⁴³. Pereżempju, is-"Sħubija UE-LAC dwar il-manifattura ta' vaċċini, mediċini u teknoloġiji tas-saħħa u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-saħħa fl-Amerika Latina"⁴⁴ tikkomplementa u tappoġġa l-isforzi reġjonali, b'mod partikolari l-Pjan ta' Awtoeffiċjenza tas-Saħħa tas-CELAC⁴⁵.

Bħala produtturi ewlenin tal-ikel, iż-żewġ reġjuni jaqsmu r-responsabbiltà għas-**sigurtà globali tal-ikel**⁴⁶. Sabiex tittaffa l-vulnerabbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni għall-klima u xokkijiet oħra u jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi tal-pjaneta, iż-żewġ reġjuni għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni dwar sistemi tal-ikel sostenibbli inkluż dwar

³⁹ COM(2021) 252 final, 18.5.2021: "L-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel".

⁴⁰ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe_en

⁴¹ https://commission.europa.eu/system/files/2021-07/eu-celac_strategic-roadmap-2021-2023.pdf; għandu jiġi rivedut u aġġornat minn Uffiċjali Għolja fl-2024.

⁴² COM(2021) 252 final, 18.5.2021: "L-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel".

⁴³ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_7153

⁴⁴ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_3890

⁴⁵ <https://www.cepal.org/en/publications/47253-plan-self-sufficiency-health-matters-latin-america-and-caribbean-lines-action-and>

⁴⁶ Ir-reġjun tal-ALK jirrappreżenta 14 % tal-produzzjoni globali tal-ikel u 45 % tal-kummerċ agroalimentari internazzjonali nett. Is-sistemi agroalimentari fl-ALK jammontaw għal kważi nofs l-impjiegi totali u 30-40 % tal-PDG (FAC, 2021).

ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-użu tal-pestiċidi, is-saħħa tal-ħamrija, l-emissjonijiet tal-bhejjem, l-agroforestrija u l-ħela ta' ikel.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti, inkluż taħt Global Gateway:

- Jiżviluppaw b'mod konġunt, bħala parti mill-aġenda ta' investiment tal-Global Gateway, proġetti ta' investiment insostenn tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem⁴⁷;
- Mobilizzazzjoni tal-Inizjattiva ta' Tim Ewropa reġjonali dwar Soċjetajiet Inklużivi, inkluż programm EUROSociAL imsaħħaħ ġdid li jkopri wkoll l-edukazzjoni, kif ukoll l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa tal-pajjiż għall-inklużjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq in-nisa u ż-żgħażaġh;
- Tingħata spinta lill-Erasmus+ għall-kooperazzjoni akkademika bejn l-UE u l-ALK fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali u SOCIEUX+ dwar il-protezzjoni soċjali, id-drittijiet tax-xogħol u l-impjiegi;
- Żvilupp b'mod konġunt ta' azzjonijiet ulterjuri taħt is-sħubija UE-ALK għas-Saħħa, inkluż appoġġ għall-investimenti tal-Global Gateway, fost l-oħrajn, fil-manifattura tal-vaċċini u tal-mediċini, fis-saħħa diġitali, fit-teknoloġiji tas-saħħa u fit-tisħiħ tas-sistema tas-saħħa;
- Parteċipazzjoni msaħħa tal-ALK fil-programm Orizzont Ewropa u l-ħidma lejn il-laqgħa ministerjali UE-ALK fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni;
- Intensifikazzjoni tal-iskambji dwar l-iżviluppi makroekonomiċi u l-istrateġiji ta' politika xierqa biex jiġi żgurat tkabbir globali b'saħħtu, sostenibbli, ibbilanċjat u inklużiv;
- Tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-politiki ta' innovazzjoni bbażati fuq il-post.

4. Tgħaqqid tal-isforzi għall-ġustizzja, is-sigurtà taċ-ċittadini u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali

L-UE u l-ALK jiffaċċjaw sfidi komuni fir-rigward **tas-sigurtà u l-ġustizzja**, li jappellaw għat-tisħiħ tas-sħubija u l-kooperazzjoni bireġjonali fil-livelli kollha. Is-sigurtà hija ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini tal-ALK. Il-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal, it-traffikar tad-drogi u tal-armi, il-kummerċ illeċitu ta' organiżmi selvaġġi u tal-injam, kif ukoll il-korruzzjoni, il-kriminalità finanzjarja, u l-kriminalità ambjentali u ċibernetika jibqgħu theddid insidjuż għan-nies, għas-soċjetajiet u għall-ekonomiji.

Il-pajjiżi tal-ALK qed ibiddlu l-mod kif jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà, filwaqt li jiffukaw dejjem aktar fuq approċċi preventivi, bħar-riformi tal-pulizija u ġudizzjarji, il-pulizija tal-komunità u tal-prossimità, u t-tnaqqis fil-vjolenza fost iż-żgħażaġh u abbażi tal-ġeneru. Dan jikkorrispondi mal-kunċett tas-sigurtà tal-bniedem u l-approċċ tal-UE għas-sigurtà taċ-ċittadini. Hemm lok għal kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tal-ALK, li tgħaqqad il-ġlieda

⁴⁷ Bħal dwar ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa f'Barbados u l-Messiku u l-ġestjoni tal-ilma u s-sanità fl-Ekwador u l-Gwatemala.

kontra l-kriminalità ma' dimensjoni preventiva bbażata fuq l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tagħha.

L-inizjattivi u l-programmi politiċi bireġjonali diġà jipprovdu bażi solida biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni dwar il-kriminalità organizzata transnazzjonali, filwaqt li jibnu pontijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja u tas-sigurtà bbażati fuq l-istat tad-dritt u fuq livell għoli ta' protezzjoni għad-drittijiet fundamentali inkluża l-protezzjoni tad-*data*. It-tisħiħ tal-programmi u l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-operazzjonalizzazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ALK f'dan il-qasam, billi jibnu l-kapaċitajiet istituzzjonali u jippromwovu standards komuni. Element kritiku ieħor tal-aġenda kondiwiża tagħna dwar il-ġustizzja u s-sigurtà jkun il-konklużjoni ta' ftehimiet u arranġamenti mal-pajjiżi tal-ALK dwar il-kooperazzjoni mal-Eurojust u l-Europol⁴⁸.

L-UE għandha żżid ukoll **l-involvement tagħha ma' organizzazzjonijiet reġjonali**, bħall-Ameripol, li għandhom rwol dejjem akbar fl-istabbiliment ta' prinċipji u approċċi konġunti. Iż-żewġ reġjuni għandhom jippromwovu r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-ġustizzja u tal-infurzar tal-liġi.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti:

- Tisħiħ tas-Sħubija UE-ALK dwar il-Ġustizzja u s-Sigurtà, fuq il-bażi ta' programmi⁴⁹ u l-inizjattiva reġjonali ta' Tim Ewropa;
- Sostenn tal-iżvilupp tal-kapaċità u l-kooperazzjoni ulterjuri mal-Kumitat għas-Sigurtà Interna tal-Amerika Latina (CLASI) u l-Komunità tal-Pulizija tal-Kontinent Amerikan (AMERIPOL);
- Tiġi żviluppata aktar il-kooperazzjoni mill-qrib dwar il-politika dwar id-drogi bejn iż-żewġ reġjuni u jiżdiedu l-isforzi biex jiġi indirizzat it-tnaqqis fid-domanda u l-provvista tad-drogi, inkluż permezz ta' djalogu ta' livell għoli taħt il-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-Drogi u t-tisħiħ tar-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi;
- Sforzi msaħħin għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar ta' bnedmin, u protezzjoni u għajjnuna għall-vittmi ta' dan ir-reat;
- Kooperazzjoni msaħħa bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja billi jkun iffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni;
- Konklużjoni ta' aktar ftehimiet internazzjonali u arranġamenti ta' ħidma mal-Europol u l-Eurojust;
- Kooperazzjoni msaħħa dwar iċ-ċibersigurtà u l-għarfien espert taċ-ċiberkriminalità biex jiġu appoġġati l-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Karibew, inkluż permezz taċ-Ċentru ta' Kompetenza Ċibernetika reġjonali LAC4 fir-Repubblika Dominicana.

⁴⁸ Il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-Eurojust mal-Arġentina, il-Brażil u l-Kolombja; u awtorizza wkoll il-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-Europol mal-Bolivja, il-Brażil, l-Ekwador, il-Messiku u l-Perù.

⁴⁹ Notevolment El PAcCTO 2.0, COPOLAD, EUROFRONT u l-Programm "Global Illicit Flows".

5. Kooperazzjoni biex nippromwovu l-paċi u s-sigurtà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-għajnuna umanitarja

Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma fiċ-ċentru tas-sħubija bejn l-UE u l-ALK. L-UE taħdem flimkien mal-ALK biex tippoteġi u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, kemm ċivili kif ukoll politiċi u ekonomiċi, soċjali u kulturali, permezz ta' firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi, inklużi djalogi bilaterali, il-bini tal-kapaċità għas-soċjetà ċivili u l-edukazzjoni⁵⁰. Iż-żewġ reġjuni huma determinati li jsaħħu s-sistema multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jikkooperaw reġjonalment.

L-UE u l-ALK għandhom jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jiddefendu d-drittijiet tat-tfal u tal-persuni vulnerabbli, il-minoranzi, il-popli indiġeni, il-persuni LGBTIQ+, il-persuni b'diżabilità, il-migranti u r-refuġjati, kif ukoll dawk affettwati minn kunflitt u vjolenza.

Il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġurnalisti għandha tiġi indirizzata b'mod aktar prominenti, l-istess bħall-isfidi l-ġodda maħluqa mit-teknoloġiji diġitali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-litteriżmu diġitali u tal-media. Id-difensuri tad-drittijiet ambjentali kienu mhedda b'mod partikolari f'partijiet tar-reġjun. L-UE u l-ALK jikkondividu viżjoni tar-rwol ugwali tan-nisa fis-soċjetà u għandhom jingħaqdu flimkien biex jippromwovuha u jeqirdu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Kompiti konġunti importanti se jkunu li tissaħħaħ id-demokrazija, inkluż l-obbligu ta' rendikont, ir-reżiljenza elettoral, ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja, u l-bini tar-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu emerġenti kif ukoll parteċipazzjoni akbar taż-żgħażaġh u n-nisa u spazju sinifikanti għas-soċjetà ċivili. L-UE u l-ALK għandhom jiddiskutu dawn il-kwistjonijiet kif ukoll l-aħjar Prattiki, pereżempju fir-rigward tad-drittijiet tal-vittmi, ix-xhieda u l-priġunieri. Il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom huma għodod ewlenin biex jgħinu fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-gvern indipendenti⁵¹. L-UE se tkompli tikkooopera mal-pajjiżi tal-ALK biex tippromwovi l-universalità tal-Istatut ta' Ruma u tappoġġa l-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI).

L-assistenza tal-UE għas-salvataġġ tal-ħajja tista' tikkontribwixxi biex is-soċjetajiet fil-pajjiżi tal-ALK isiru aktar reżiljenti. L-UE se tkompli taħdem ma' atturi ewlenin fl-ALK għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' **għajnuna umanitarja u rispons ta' emerġenza**, inkluż permezz tal-kooperazzjoni fil-protezzjoni ċivili. Is-saħħa, il-protezzjoni, l-edukazzjoni f'emerġenzi u s-sigurtà tal-ikel jeħtieġu attenzjoni. L-UE se tkompli tappoġġa u tippromwovi sforzi għal kriżijiet umanitarji li għandhom impatt fuq l-ALK, inkluż billi tikkooospita l-konferenzi tad-donaturi u ta' solidarjetà.

Permezz tal-istrumenti differenti tagħha għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà, l-UE se tkompli tikkontribwixxi għal soluzzjonijiet paċifiċi u demokratiċi, inkluż il-proċess ta' paċi fil-Kolombja, il-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali dwar il-Venezwela, l-isforzi ta' medjazzjoni fil-Bolivja u l-indirizzar tal-kriżi ta' Haiti.

⁵⁰ Pereżempju, permezz tal-Global Campus on Human Rights u ċ-ċentru tiegħu fl-Arġentina.

⁵¹ Mill-2019, l-UE bagħtet tmien Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali u sitt Missjonijiet ta' Esperti Elettorali fil-pajjiżi tal-ALK, fuq talba tagħhom.

L-UE u l-ALK għandhom ukoll jissiehbha fil-**promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà globali**. F'konformità mal-Boxxla Strateġika tal-UE⁵², l-involvement taż-żewġ reġjuni jista' jiġi approfondit, pereżempju permezz tal-konklużjoni ta' Ftehimiet Qafas ta' Parteċipazzjoni (FPAs)⁵³ u l-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi. **Il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża**, inkluż il-qasam marittimu u spazjali, kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċibersigurtà u l-indirizzar tat-theddid ibridu, in-nonproliferazzjoni u d-diżarmament huma wkoll oqsma importanti għal azzjoni konġunta.

Iż-żewġ reġjuni għandhom jikkunsidraw ukoll il-kooperazzjoni dwar **il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranija u l-interferenza** permezz ta' għodod ġodda mmirati lejn l-identifikazzjoni, l-analiżi, il-valutazzjoni u l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti:

- Isaħħu l-kooperazzjoni biex itejbu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, inklużi d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, id-drittijiet tat-tfal, kif ukoll jippromwovu n-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; intensifikazzjoni tal-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni mas-Sistema Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem; kontribut għat-tiżi tal-prinċipji demokratiċi, il-paċi u l-istat tad-dritt, inkluż permezz ta' djalogu inklużiv u medjazzjoni;
- Iżidu l-isforzi biex jagħtu s-setgħa lin-nisa u l-bniet u jeqirdu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru⁵⁴ kif ukoll il-vjolenza kontra t-tfal;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar ir-responsabbiltà għal reati internazzjonali, inkluż permezz ta' inizjattivi konġunti b'appoġġ għall-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- Ikompli l-appoġġ politiku u finanzjarju fir-rispons għal kriżijiet ikkawżati mill-bniedem u perikli naturali, inklużi kriżijiet ta' migrazzjoni u spostament;
- Għajjuna għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Reġjonali innovattiv dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja f' Kwistjonijiet Ambjentali fl-Amerika Latina u l-Karibew ("il-Ftehim ta' Escazú"), b'mod partikolari permezz ta' El PAcCTO 2.0;
- Jesploraw possibbiltajiet għal sħubijiet ġodda mfassla apposta fis-sigurtà u d-difiża;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni, jiġu identifikati azzjonijiet konġunti u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki mas-sħab tal-ALK biex jiġu miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza barranija, inkluż fil-proċessi elettorali.

6. Il-bini ta' sħubija vibranti bejn il-persuni bejn l-UE u l-ALK

In-nies huma fiċ-ċentru tas-sħubija tagħna u l-azzjonijiet kollha għandu jkollhom l-għan li jwasslu **benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini**. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK jinkludu rabtiet umani u kulturali uniċi li għandhom jitrawmu u jiġu intensifikati. **Iż-żgħażaġh** huma

⁵² A Strategic Compass for EU Security and Defence (Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża tal-UE), Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 21.3.2022.

⁵³ Diġà ġew iffirmati FPAs maċ-Ċili, il-Kolombja u l-Perù.

⁵⁴ Bħall-komponent tal-ALK tal-Inizjattiva Spotlight, kif ukoll varjetà ta' azzjonijiet nazzjonali u reġjonali b'appoġġ għal bidliet leġislattivi, kapaċitajiet ta' implimentazzjoni, eċċ.

kruċjali għall-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK. Rabtiet aktar mill-qrib bejn il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jistgħu jitrawmu permezz ta' inizjattivi kulturali u programmi ta' mobbiltà, f'konformità mal-ewwel Pjan ta' Azzjoni tal-UE għaż-Żgħażaġh⁵⁵.

L-UE u l-ALK għandhom interess komuni **fl-iżvilupp tal-kapital uman** meħtieġ biex jiġu ssodisfati d-domandi ta' teknoloġiji li qed jinbidlu malajr, u t-tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali. Fil-qasam tal-mobbiltà, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-ALK diġà jgawdu minn aċċess mingħajr viża għal soġġorn qasir fiż-żona Schengen tal-UE. Barra minn hekk, iċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-ALK għandhom ukoll opportunitajiet ta' migrazzjoni legali lejn l-UE. Barra minn hekk, Erasmus+ u Orizzont Ewropa, u b'mod partikolari l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, jipprovdu qafas għall-kooperazzjoni biex jiżiedu r-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll il-Pilastru tal-Mobbiltà tar-Riċerka taħt il-Pjan Direzzjonali Strateġiku UE-CELAC 2021–2023, inkluż il-mobbiltà tar-riċerkaturi u tal-istudenti.

Iż-żewġ reġjuni għandhom jaħdmu flimkien biex jimmassimizzaw il-potenzjal tal-**espressjonijiet kulturali differenti** tagħhom, il-wirt, l-industriji kreattivi vibranti għall-iżvilupp sostenibbli u d-djalogu interkulturali.

Id-diplomazija parlamentari hija komponent ewlieni tar-relazzjoni bireġjonali, inkluż permezz tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana (EuroLat). Istituzzjonijiet oħra bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u s-sħab tagħhom tal-ALK jistgħu jimmobilizzaw l-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll is-sħab ekonomiċi u soċjali biex isaħħu l-kuntatti bejn il-persuni.

L-UE u l-ALK għandhom irawmu involviment mill-qrib mas-**soċjetà ċivili** u l-**gruppi ta' riflessjoni**, inkluż permezz tal-Fondazzjoni UE-ALK, li stabbiliet lilha nnifisha bħala attur rilevanti fir-relazzjoni bireġjonali.

Iż-żewġ reġjuni jaqsmu r-responsabbiltà li jinfurmaw aħjar u b'mod proattiv liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati tagħhom dwar il-**benefiċċji reċiproċi** tas-sħubija tagħhom.

Azzjonijiet Ewlenin Proposti:

- Involvement imsaħħaħ taż-żgħażaġh fl-ALK permezz ta' inizjattivi bħal Bordijiet ta' Sondaġġ taż-Żgħażaġħ fil-livell tal-pajjiż;
- Promozzjoni tal-kollaborazzjoni dwar l-edukazzjoni u r-riċerka taħt Erasmus+, inkluż l-Azzjonijiet Jean Monnet, Orizzont Ewropa, inkluż l-Azzjonijiet “Marie Skłodowska-Curie”, kif ukoll l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija tal-Innovazzjoni;
- Iżidu l-kooperazzjoni dwar il-mobbiltà tal-persuni bejn iż-żewġ reġjuni⁵⁶ u jrawmu arranġamenti ta' mobbiltà ta' benefiċċju reċiproku mas-sħab li jippromwovu l-mobbiltà ċirkolari u jiġġieldu kontra l-eżodu ta' mħuħ, abbażi tal-pakkett tal-Ħiliet u t-Talenti;
- Japprofondixxu r-relazzjonijiet kulturali bireġjonali u jinkoraġġixxu networks interkulturali u inizjattivi kongunti⁵⁷;

⁵⁵ JOIN(2022) 53 final, 4.10.2022: “Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE 2022–2027. Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ġenwina taż-żgħażaġh u l-ġhoti tas-setgħa fl-azzjoni esterna tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza u l-paċi”.

⁵⁶ Inkluż fuq kanali regolari ta' migrazzjoni, konformità mar-rekwiżiti tal-eżenzjoni mill-viża ta' Schengen u faċilitazzjoni reċiproka tal-ħruġ tal-viża, inkluż għall-istudenti u r-riċerkaturi.

- Irawmu l-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili u l-bini ta' networks bireġjonali, inkluż tan-nisa u ż-żgħażaġh fin-negozju, il-politika, ix-xjenza u oqsma oħra;
- Jissaħħaħ ir-rwol tal-Fondazzjoni UE-ALK fid-djalogu bireġjonali;
- Ħidma lejn approċċ konġunt għall-komunikazzjoni u d-diplomazija pubblika.

Konklużjoni

L-aġenda Ġdida proposta għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK titlob għal **sħubija strateġika aktar mill-qrib u modernizzata** bejn iż-żewġ reġjuni, bin-nies fiċ-ċentru tagħha.

Bit-tisħiħ tas-sħubija bejn żewġ reġjuni li huma fost l-aktar allinjati mill-qrib fid-dinja f'termini ta' interessi u valuri, l-UE u l-ALK se jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jiffaċċjaw l-isfidi globali u jaħtfu l-**opportunitajiet għal benefiċċju reċiproku**. F'dinja ta' ġganti, l-UE u l-pajjiżi tal-ALK flimkien jirrappreżentaw 14 % tal-popolazzjoni tad-dinja u 21 % tal-PDG dinji. Sabiex jiġu żgurati l-paċi u l-prosperità għaċ-ċittadini rispettivi tagħhom u tiġi eżerċitata influwenza fuq l-ordni internazzjonali futur ibbażat fuq ir-regoli, it-tiswir ta' sħubija aktar mill-qrib li ssaħħaħ is-saħħa kollettiva tagħhom hu imperattiv strateġiku.

Il-kisba ta' dan l-għan se teħtieġ aktar **kooperazzjoni** fuq iż-żewġ naħat, inkluż permezz ta' **impenn politiku msaħħaħ, it-tisħiħ tal-kummerċ u l-investment, u l-bini ta' soċjetajiet aktar sostenibbli u interkonnessi, b'mod partikolari mal-Global Gateway**. L-UE se tistinka biex timmobilizza l-politiki, l-istrumenti u r-riżorsi tagħha f'approċċ ta' Tim Ewropa. Is-Summit UE-CELAC li jmiss joffri opportunità kbira biex tinbena l-fiduċja u jingħata momentum lir-relazzjoni UE-ALK biex isiru **sħab tal-għażla**.

Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jappellaw lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex japprovaw l-Aġenda l-Ġdida ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni Konġunta u biex jaħdmu flimkien mal-Amerika Latina u l-Karibew għal sħubija strateġika mġedda abbażi ta' din il-proposta.

⁵⁷ Bħall-parteċipazzjoni tal-UE bħala mistieden għall-unur fil-Fiera Internazzjonali tal-Kotba tal-2023 fi Guadalajara, il-Messiku.